Ramona-Marie Cini B.A. (Hons) History

# Profil ta' l-attività ekonomika u agrikola ġewwa Ħal Lija skond l-atti Notarili ta' Brandano de Caxaro, 1538-1539

Illum il-ġurnata, id-dokumentazzjoni notarili qiegħda tkun ta' għajnuna għal dawk li qegħdin jistudjaw bir-reqqa l-ħajja ta' kuljum tal-klassi l-baxxa fi żminijiet imgħoddija. Dan l-istudju qed jiffoka fuq l-attivitajiet ta' bdiewa u ta' rġiel u nisa li l-ħajja tagħhom kienet meqjusa ta' bla ebda mportanza. Din hija ħaġa innovattiva għax fejn qabel kellek studji ta' nies kbar u mportanti fis-soċjetà, illum il-ġurnata, qed isir ukoll studju ta' dak li Eric Hobsbaum isejjaħ "the grass-root history", jiġifieri l-analiżi mhux biss tal-klassi għolja ta' soċjetà ta' l-imgħoddi, imma ta' dik baxxa u tal-bdiewa. Minn din id-dokumentazzjoni ħierġa informazzjoni siewja dwar l-attività ġewwa l-irħula Maltin fosthom ġewwa ir-raħal ta' Ħal Lija.

Fost l-aqwa għejun għall-ġbir ta' din l-informazzjoni hemm id-dokumenti notarili tan-nutar Brandano de Caxaro, Volum 4 (R175/4). Saru studji ta' bosta kuntratti li fihom jissemmew nies li kienu joqogħdu ġewwa Ħal Lija. Minnhom nistgħu nieħdu stampa ta' kif kienet il-ħajja f'dan ir-raħal fis-snin 1538-39.

Ir-raħal ta' Ħal Lija jissemma l-ewwel darba fil-Militia List (Dejma) ta' l-1419 bħala Casale Lia. Fl-1496, jerġa' jissemma f'wieħed mill-atti tan-Nutar Sabbara bħala raħal Lihe. L-isem ta' Ħal Lija jfisser 'ir-razzett ta' Lia' (Lia's farmstead). Ta' min wieħed jgħid li hemm diversi teoriji marbuta ma' l-isem Ħal Lija, fosthom li r-raħal issemma hekk għaliex l-isem Lia kien wieħed Musulman ta' nisel Malti li baqa' jintuża sa l-1300, f'Lucera fl-Italja. Fil-fatt hemm min jgħid ukoll li l-oriġini ta' l-isem Lija hi waħda Lhudija[1]. Jingħad ukoll li l-kelma Lija oriġinat mill-kelma Lhudija Lijah jew Loyah li tfisser kuruna. Hemm min isostni li r-raħal ingħata dan l-isem għax kien imdawwar b'ġonna u siġar f'forma ta' kuruna[2].

1 Wettinger, Godfrey, Place-names of the Maltese Islands, ca. 1300-1800, PEG Publications (2000), p.282

2 Ebejer, Anton, 'Ħal Lija' f'Heritage, No.3, Mizzi, P. et al ġeds.ħ, Midsea Books Ltd (1979), p.837

Qabel ma beda l-kapitaliżmu industrijali, l-agrikoltura kienet il-bażi ta' l-ekonomija ta' kull socjetà. Barra minn hekk, billi s-soċjetà kienet waħda agrikola, l-art kellha importanza kbira. F'Malta, is-sitwazzjoni kienet tixbaħ dik fl-Ewropa fejn il-maġġoranza tal-popolazzjoni kienet agrarja. Dawn il-bdiewa kienu jew jaħdmu l-art tagħhom, jew dik mogħtija lilhom b'kera mis-sidien fewdali ta' l-Imdina jew propjetarji oħra. Ir-ritmu tal-ħajja fis-seklu sittax ma kienx wieħed imgħaġġel u s-sena tal-bdiewa kienet ikkalkolata skond l-attività agrikola; skond jekk huwiex żmien it-tagħsir ta' l-inbid, taż-żriegħ tal-qamħ, żmien il-ħsad u l-bqija. Dawn id-dati kienu jaħbtu ma' xi festa ta' xi qaddis jew festi reliġużi oħra bħall-Għid, il-Milied, il-festa ta' San Ġwann il-Battista, ta' Santa Marija, San Martin u l-Erbgħa tal-Irmied. Mid-dokumenti notarili ta' Caxaro toħroġ ċara l-importanza ta' diversi elementi ġewwa Ħal Lija li jixħtu dawl siewi fuq l-attività ġewwa dar-raħal fosthom:-

## L-Art

Fid-dokumenti notarili analizzati nsibu kemm il-bejgħ u l-kiri ta' l-art kienu importanti. Il-biċċa l-kbira ta' l-art kienet f'idejn in-nobbli tal-Imdina, (madwar 5/8 ta' l-art). Il-bqija kienet f'idejn il-bdiewa. Minnha kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom[3]. B'hekk insibu li Lucia mart il-mejjet Blasio Farrugia mill-Mosta kienet għamlet negozju f'isem binha Francesco u biegħet lil Herasmo Zahira minn Ħal Lija biċċa art magħrufa bħala il-machlube għall-prezz ta' 12-il taren p.g.[4]. Kellha tħallas 6 tareni fil-festa ta' San Ġwann il-Battista u 6 oħra fil-festa ta' San Martin[5]. F'att ieħor notarili nsibu li Georgio Camilleri minn Ħal Lija biegħ cum grazia[6] lil Hon. Johannes Bugeja, ħames biċċiet art magħrufa bħala Ta vis, Il minenlar, Ta dinaya, Tal fit u landar, kollha f'rachal iseyah (Ħal Sejjiegħ) għal 6 onċi u 17-il taren p.g.[7]

---

3 Fiorini, S and Buhagiar, M, "'Medieval Mdina', f'Mdina - The Cathedral City: A reassessment of its History and a Critical Appreciation of its Architecture and Works of Art, Volume 1, Fiorini, S, Buhagiar, M, ġeds.ħ, The Central Bank of Malta (1996), p.103

4 L-onċa u t-taren kienu flus f'dawk iż-żminijiet. Onċa kienet tiswa daqs 30 taren. Ponderis generalis (p.g.) tfisser ġenerali.

5 R175/4, f.339, (8.ii.1539)

6 Cum grazia tfisser li l-bejjiegħ kellu id-dritt li jerġa' jieħu lura l-biċċa art wara li jagħlaq iż-żmien stipulat f'kuntratt notarili.

7 R175/4, 291v., (7.i.1539)

Barra bejgħ ta' art kien hemm drabi meta l-art kienet tinkera. Infatti insibu li Pietro Pachi mis-Siġġiewi kera lil Nicola Vella, mlaqqam il charis, minn Ħal Lija biċċ' art magħrufa bħala il marg, fl-inħawi ta' gadir il bordi (Għadir il-Bordi). L-art inkriet għal erba' snin bi ħlas ta' onċa u 18-il taren fis-sena[8].

## Il-Qoton

Sa żmien il-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann u fiż-żminijet ta' wara, l-ekonimija ta' Malta kienet dipendenti sew fuq il-kultivazzjoni tal-qoton. Kien jinżera' f'Marzu jew f'April u kienu jaħsduh f'Settembru jew f'Ottubru. Il-qoton Malti kienu jesportawh u kien iħalli qligħ għall-ekonomija Maltija. Fl-imgħoddi kienet tinkera l-art għall-kultivazzjoni tal-qoton. Kienu jsiru kuntratti ad cattaniam fejn is-sid ta' l-art kien jikri biċċa art lill-bidwi hekk imsejjaħ cuttunerius. Dan kien jaħdem l-art għall-produzzjoni tal-qoton u l-prodott kien jinqasam bejnu u bejn sid l-art. Is-sid kien saħansitra jsellef xi flus lill-bidwi għal spejjeż li setgħu jinqalgħu. B'hekk insibu li Blasio Bertelli minn Ħal Lija kera lil Blasio Cafor u lil Jacobo Busuttil, it-tnejn minn H'Attard, biċċa art magħrufa bħala di la spatafora għall-produzzjoni tal-qoton. Lil Blasio, l-art inkriet għal onċa[9] u lil Jacobo għal onċa u 6 tareni[10].

Kienu analizzati referenzi oħra li jixhdu li l-qoton kien jintuża għall-konsum lokali. Il-qoton kien jinxtara maħluġ (machalogu) jew mhux maħluġ (acochu). Kien jinxtara wkoll ħajt tat-tajjar (filati). Laurencio Butigieg minn Ħal Xluq għaraf li kellu dejn ta' 20 onċa u 3 tareni għal 2 cantari u għal rotulo ta' filati, ma' Johannes Axac minn Ħal Lija, li kien preżenti għall-kuntratt f'isem ibnu Brandano. Nofs id-dejn kellu jitħallas fil-festa ta' San Ġwann il-Battista, in-nofs l-ieħor fil-festa ta' San Martin. Laurencio għamel garanzija d-dar tiegħu[11].

## Iċ-Ċereali

Mill-Medju Evu 'l quddiem, il-qamħ kien importanti fid-dieta tal-popolazzjoni, l-iktar tal-klassi baxxa. Il-ħobż kien l-ikel tagħha ta' kuljum, u dan baqa' ma nbidilx sas-seklu għoxrin. Għal ħafna snin, Malta kienet tipproduċi biżżejjed qamħ għall-popolazzjoni kollha. Biss mill-bidu tas-seklu ħmistax il-produzzjoni tal-qamħ f'Malta ma kenitx biżżejjed u għalhekk bdew jimpurtawh

8 R175/4, f.359, (26.ii.1539)

9 R175/4, f.381-381v., (15.iii.1539)

10 R175/4, 381v., (15.iii.1539)

11 R175/4, f.374-374v., (8.iii.1539)

minn Sqallija. Johannes Spiteri minn Ħal Lija għaraf li kellu dejn ta' 13-il onċa u nofs ma' Johannes Muscat. Id-dejn kien għal bittija inbid, salma qamħ Sqalli u b'żewġ onċi qoton maħluġ[12]. Kien hemm imbagħad ix-xgħir. Johannes Borg minn Ħal Lija biegħ lil Michele Vassallo salma u nofs xgħir għal 11-il grana kull tumino[13]. Xi ġranet iktar tard, Johannes reġa' biegħ lil Michele 2 salmi xgħir oħra għall-istess somma ta' flus[14].

## L-Ortikultura u t-Trobbija ta' l-Annimali

L-ortikultura kienet issir f'ġonna kbar li kienu jissejħu viridaria. Ħafna minnhom kellhom ismijiet li fihom kien inkluż kliem bħal ġnien, ġnejna, ġonna, għajn jew għejun. B'hekk insibu li Paolo Mifsud minn Ħal Lija biegħ għal sena cum grazia lil Simon Besine mill-Mosta, terz ta' viridarium fi gued ir-rahal (Wied ir-Raħal) għal-4 fjorini u nofs[15]. L-informazzjoni dwar x'kien jitkabbar f'dawn il-ġonna ma nsibuhiex fl-atti notarili. Biss, nistgħu nieħdu idea mid-deskrizzjoni ta' Quintin D'Autun li fl-1536 jgħid li fil-gżira ta' Malta kien hawn ħafna nixxigħat ta' ilma u għalhekk kien hawn mixtliet li kienu jipproduċu siġar tal-palm, taż-żebbuġ, dwieli, siġar tat-tin u kull tip ta' siġar tal-frott li kien jitkabbar fl-Italja[16].

Fl-irziezet kont issib ukoll l-annimali li kienu importanti fl-istruttura agrikola Maltija. Barra minn hekk fis-seklu sittax, żdied in-numru ta' toroq, il-ħmir u il-bgħula. Fil-fatt l-iktar annimal li jissemma fl-atti notarili hu l-ħmar. Nicola Cakie minn Ħal Kbir biegħ lil Georgius Attardo minn Ħal Lija ħmara biż-żgħir tagħha, it-tnejn ta' lewn qastni, għal 17-il fjorin. Id-dejn kellu jitħallas fil-festa ta' San Ġwann il-Battista[17].

Kif wieħed jista' jinnota l-atti notarili għandhom valur siewi ħafna għax jixħtu dawl fuq dik il-klassi tas-soċjetà Maltija li kienet dejjem injorata mill-istoriċi. Il-'grass root history' tagħtina perspettiva ġdida ta' l-attività kemm soċjali kemm kummerċjali fl-irħula Maltin fosthom f'Ħal Lija. Fil-fatt, id-dokumenti notarili jagħtu informazzjoni valida dwar x'attività kien hawn fl-

12 R175/4, f.273, (11xii.1538)

13 R175/4, f.368, (4.iii.1539)

14 R175/4, 389v., (20.iii.1539)

15 R175/4, 293v., (7.i.1539)

16 Quintin d'Autun, The Earliest Description of Malta (Lyons 1536), Interprint Limited (1980), pp. 31 & 33

17 R175/4, 360v.-f.361, (27.ii.1539)

irħula Maltin (bejgħ u kiri ta' l-art agrikola) f'dan iż-żmien partikolari. Dawn id-dokumenti jixħtu ukoll dawl fuq is-soċjetà agrarja ta' dawk iż-żminijiet u l-prodotti prinċipali fosthom il-qoton, il-qamħ, ix-xgħir u l-annimali.

■


Curls
HAIR STUDIO

Curls Hair Studio
Balzan Valley, Balzan

Tel. 21444552/3
Email. curls@maltanet.net
web. www.curlshairstudio.com
msn. curlshairstudio@hotmail.com

Gardenia Stores

**21st September Avenue, Naxxar**
**Tel: 2141 0992**

**Tumas Fenech Street, Birkirkara**
**Tel: 2149 0920**

*Behind St. Helen's Basilica*

**Refridgerators, Washing Machines,**
**Electric & Gas Cookers, Fans**
**Colour TV's, Hi-Fi & Video, DVD's & V/Cameras,**
**Satellite Dishes**